Dok. 134

1

Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2005

Numru 1042/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa)**

**vs**

**Lionel Gerada**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Lionel Gerada** ta' 18-il sena, bin Carmelo u Mary *nee'* Scerri, imwieled Pieta, fid-19 ta' Dicembru, 1986, residenti 33, 'Adarech', Triq il-Mehriez, Zabbar, u detentur tal-karta tal-identita' numru 34387M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'diversi granet bejn id-9 ul-20 t'Awissu, 2005, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, approprajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' hadt u zammejt ghandek tmien mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u wiehed u wiehed u ghoxrin centenzu (Lm828.21) tal-Kumpanija I.V. Portelli & Sons Lud ta' 85/86, Triq San Pawl, Rabat, Malta, liema flus gew fdati jew ikkunsinnasti lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amminstrazzjoni, kariga jew servizz tieghek;

Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingannajt jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemen l-ezistenza ta' intraprozo foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarja, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamilt qliegh ta' tmien mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u wiehed u wiehed u ghoxrin centenzu (Lm828.21) ghad-dannu tal-Kumpanija I.V. Portelli & Sons Ltd ta' 85/86, Triq San Pawl, Rabat, Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u ghalhekk l-akkuza tirrizulta pruvata u ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 293 u 308 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat u semghet lill-parte civile tiddikjara illi l-imputat radd lura dak kollu minnu indebitament mehud.

Tiddeciedi billi, wara li staqsiet lill-imputat jekk hux dispost li joqghod that kondizzjonijiet f'kaz li jkun liberat, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien senten (2) mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------